MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Joseph Galea sive Galea Fenech
vs
Tabib Principali tal-Gvern in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sahha

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi r-rikorrent kien impjegat bhala Senior Tradesman (Engine Driver) fid-Dipartiment tas-Sahha u bejn il-perjodu ta' Marzu 1988 u Mejju 1989 kien applika diversi drabi ghal ***internal call for applications for the post of Works Technical Officer - Mechanical u Boilerhouse*** mad-Dipartiment tas-Sahha.
Illi r-rikorrent kull darba ma ntaghzilx u l-***promotion*** inghata dejjem dawk li kienu anqas kwalifikati minnu u dana minghajr assolutament l-ebda gustifikazzjoni stante li r-rikorrent kull darba kellu izjed kwalifiki minn ohrajn li applikaw kif jidher mill-kopji tac-certifikati Dok A sa Dok P u kif kellu jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Illi sahansitra tul dan il-perjodu r-rikorrent gie mcahhad ukoll minghajr raguni valida milli jsegwi korsijiet fuq ***water treatment*** li kienu relevanti ghal xogholu u li kienu jghinuh ukoll jiehu promotion kif jidher mir-rapport tal-Ombudsman fuq ***case no:*** 822 kopja esebita bhala Dok Q.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi r-rikorrent jinghata ***promotion*** ghal Works Technical Officer liema ***promotion*** tkun ***backdated*** ghall-finijiet tas-salarju mid-data ta' meta hareg l-***appointment*** fuq ic-cirkulari numru DH31/88 datat 2 ta' Marzu 1988 riferenza DH 949/81.

Fil-kaz li dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li l-intimat jhallas kumpens f'ammont ekwivalenti ghal zieda fis-salarju li gie michud minnha.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi preliminarjament huwa ma hux legittimu kontradittur stante li l-proceduri kollha sa minn meta tinhareg sejha ghall-applikazzjonijiet huma proceduri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, liema proceduri huma insindikabbli ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi rigward it-tielet paragrafu l-allegata cahda sabiex jattendi korsijiet fuq "water treatment" kienet diga` materja li tressqet quddiem l-Ombudsman li rrileva fil-kunsiderazzjoni tieghu, illi in-non attendenza ghal korsijiet msemmija ma setghetx kienet ir-raguni ghax ir-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni stante illi tali attendenza ma kenitx kundizzjoni ghal eligibilita` ta' min japplika, u ghalhekk ma jistax jinghad illi l-fatt li ma ntbaghatx ghal dawn il-korsijiet ir-rikorrent b'xi mod gie ppregudikat.

Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li gab il-premess a formali konjizzjoni tar-rikorrent, talab lil dan it-Tribunal joghogbu jichad bl-ispejjez it-talbiet maghmula fir-rikors.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.
Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li nghata l-appointment formali f'Jannar 1978 bhala Mechanical Fitter Group D. Qal ukoll li d-Dipartiment hareg sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghal Works Technical Officer u qatt ma ntghazel ghalkemm ma kien hemm hadd li kellu kwalifiki izjed minnu ghax kienu jaghtu importanza lis-seniority. Zied ighid li f'Marzu 1989 intbaghat kors ta hmistax mill-Gvern fuq 'medical gas and vacuum systems for managers.' Qal li meta gie lura harget sejha ghall-applikazzjoni bhala T.O. I specifikament fuq xoghol ta' 'medical gas and vacuum systems' u spjega li c-chief Engineer Grezzju Axisa Chairman tas-Selection Board li qal li hu ma setax jaqbez minn Mechanical Fitter ghal T.O. I peress li ma kienx fil-grad ta' W.T.O.

Spjega li mbaghad kien talab ghal trasferiment ghal boiler house u qabel ghal engine driver fis-sena 1992. F'din is-section kienu johorgu wkoll internal calls for application ghal Works Technical Officers u hu kien japplika izda dejjem intghazlu nies ohra b'anqas kwalifiki minnu u gieli b'anqas seniority. Qal li llum il-gurnata hu ghadu taht skala 14 Senior Tradesman li hu xorta ekwivalenti ghal Group D Mechanical Fitter jigifieri qatt ma ha promozzjoni. In kontro-ezami li kien gie minghand qabel ma siefer u mar ghall-kors li ser jiehu promozzjoni, kien l-Inginier Muscat li qallu dan. Izda spjega li meta gie lura minflok il-Professur ta' qabel kien gie s-sur Axisa li kien donnu hadu

fuq demm id-dars u qallu personalment li diment li jkun hemm hu, ma jiehux promozzjoni.

Xehed Grazio Axisa li qal jiftakar lir-rikorrent bhala Mechanical fitter Grupp D. Hu qal li jiftakar li gieli kien Chairman fil-bord tal-ghazla wara li kien ikun hemm sejhiet ghall-applikazzjonijiet. Qal li darba kien nizzel li r-rikorrent ma kienx eligibbli peress li skond ic-cirkolari 68/89 a fol 40 tal-process, peress li l-applikanti kellhom bzonn HTD jew ikun fil-grad ta’ W.T.O. Qal ukoll li jiftakar li r-rikorrent kien intbaghat ghall-kors l-Ingilterra qabel is-sejha ghall-promozzjonijiet. Qal li kien ikun hu l-persuna li jiddeciedi kif se timtela l-vakanza bl-ghajnuna tas-subordinati tieghu. Qal ukoll li jiftakar li r-rikorrent kien talab trasferiment ghall-boiler house ta’ St Lukes. Qal li lir-rikorrent dejjem jafu kompetenti f’xoghlu.

Xehed John Muscat Senior Engineer Mechanical fl-Isptar St Lukes; li hu in charge mill-medical gas and vacuum system ta’ l-isptar u qal li jiftakar lir-rikorrent. Ir-rikorrent kien mar ghall-kors fl-Ingilterra li kien jismu medical gas and vacuum system for managers. Semma li iktar ‘il quddiem kien hemm il-bzonn li jkun fil-grad ta’ middle manager u kellu jiehu hsieb din is-sistema f’diversi fatturi. Qal li ma kienx instab persuna biex jimla dan il-post u r-rikorrent kien applika izda ma kienx ikkwalifika peress li hu ma kienx fil-grad ta’ W.T.O. Semma li r-rikorrent kien jaghmel xogholu sew. Zied ighid li finalment hu kien il-bniedem responsabbli ghas-sistema mhux ir-rikorrent.

Xehed Peter Morales li qal li hu kien Chairman fil-Bord tal-Ghazla. Ir-rikorrent gieli kien kandidat li deher quddiemu. Qal li jiftakar li r-rikorrent pjuttost kien wiehed mill-applikanti l-iktar kwalifikat. Zied ighid li jiftakar li darba meta r-rikorrent gie l-ewwel fil-lista ir-rizultat kien gie annullat mill-P.S.C. wara li kien hemm lment minn wiehed mill-applikanti. Dik id-darba kien propju r-rikorrent li kien ser jigi mahtur u kien gie l-ewwel fil-lista. Qal li r-rikorrent kellu mhux biss kwalifiki izda kriterji ohra bhal esperjenza teknika, personalita` u kriterji ohra. Qal ukoll li jiftakar li kien fil-Bord ukoll meta John Bugeja kien ha l-hatra ta’ W.T.O. Hu kkummenta li s-Sur Galea Fenech ghandu

izjed kwalifiki minn John Bugeja u fir-rigward tal-esperjenza John Bugeja kellu iktar esperjenza mir-rikorrent f’xi sferi, waqt li r-rikorrent kellu aktar esperjenza minn Bugeja fi sferi ohra. Zied li kellu aktar kwalifiki minn Alfred Farrugia.

Xehed Joseph Casar li kien student haddiem fid-Dipartiment tas-Sahha u fl-1989 beda jahdem bhala engineer mad-Dipartiment. Qal li ghall-habta ta’ l-1990/1991 hu kien Chairman fil-bord ta’ l-ghazla ghal Works Technical Officer fejn qal li kienu ser jinhatru tlett persuni ghal din il-kariga li kienu Jimmy Sant, certu Carmel u Pietru Paul Busuttil. Ir-rikorrent kellu aktar certifikati mir-rikorrent. Qal ukoll li jiftakar li Busuttil kien idur il-boiler houses u sa fejn jaf hu r-rikorrent ma kellux esperjenza f’dan.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi l-intimat eccepixxa preliminarjament li huwa ma hux legittimu kontradittur stante illi il-proceduri kollha sa minn meta tinhareg sejha ghall-applikazzjonijiet huma proceduri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din l-eccezzjoni mhix sostenibbli. Infatti l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li “Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.” Dan ifisser li r-rikorrent kellu jistitwixxi l-kawza kontra l-kap tad-Dipartiment in kwistjoni u hadd iehor. [ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta’ Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta’ Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Ghalhekk jichad din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat.

L-intimat eccepixxa preliminarjament ukoll li l-proceduri huma insindikabbli ai termini ta’ l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Hawn it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet “John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha” deciza fis-7 ta’ Mejju, 1998 mit-

Tribunal fejn din l-istess eccezzjoni giet michuda u ghall-istess motivi jichad din l-eccezzjoni.

Jifdal li t-Tribunal jezamina l-meritu. Bazikament l-ilment tar-rikorrent hu mirat kontra zewg aspetti u cioe` dik ghal Technical Officer I, u dik ghal Works Technical Officer.

Dwar dik ta’ Technical Officer I ir-rikorrent semmiha ripetutament kemm fir-rikors kif ukoll matul il-provi, izda ma inkludihiex fit-talba finali tar-rikors. It-Tribunal sejjer jezamina tali talba wkoll. Ir-rikorrent sostna li li wara li mar jaghmel kors barra minn Malta hu xorta wahda ma inghatax il-grad ghalkemm kien l-uniku wiehed li applika.

Jirrizulta pero` mic-cirkolari esibita a fol 40 tal-process li: “1. The Public Service Commission invites applications from Government employees not below the grade of Works Technical Officer…” Dan jaghmilha cara li r-rikorrent ma kienx eligibbli u ghalhekk ma kien hemm ebda ingustizzja meta ma giex accettat ghal dan l-interview. Ghalhekk f’dan ir-rigward jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Dwar l-aspett tal-ilment tar-rikorrent riferibbli ghal Works Technical Officer gew prodotti provi li r-rikorrent haddiem dedikat u efficjenti. Gie msemmi li diversi drabi qabzu min kien kwalifikat anqas minnu izda kellu seniority fuqu. Gie anke msemmi li qabzu min kellu kemm seniority kif ukoll kwalifiki anqas minnu. Izda sfortunatament din il-prova saret b’mod frammentarju. Izda hemm punt wiehed ta’ importanza fundamentali u cioe` dak li xehed fuqu Peter Morales li f’okkazzjoni ta’ wahda mid-drabi li r-rikorrent kien applika ghal kariga ta’ Works Technical Officer hu kien Chairman fil-Bord tal-Ghazla. Ir-rikorrent kien wiehed mill-applikanti l-iktar kwalifikat, u gie l-ewwel fil-lista izda r-rizultat kien gie annullat mill-P.S.C. wara li kien hemm lment minn wiehed mill-applikanti. Dik id-darba kien propju r-rikorrent li kien ser jigi mahtur u kien gie l-ewwel fil-lista. Qal li r-rikorrent kellu mhux biss kwalifiki izda kriterji ohra bhal esperjenza teknika, personalita` u kriterji ohra. Izda l-intimat ma ta ebda raguni ghala sar dan. Dan fil-fehma tat-Tribunal jammonta ghal ingustizzja kif

definita fil-Kap 394. Sfortunatament la r-rikorrent, la l-intimat, u lanqas ix-xhieda ma taw id-data ezatta ta' meta sar dan.

Jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Works Technical Officer b'effett mid-data li fiha sar l-interview imsemmi u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------